MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1921/2001/1

**Sandro Chetcuti u Francis Gauci**
**vs**
**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi bi skrittura privata li ggib id-data ta' l-24 t' April 2000 kif estiza sal-21 ta' Lulju 2000 (Dok A) l-atturi ppromettew u obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu a favur tas-socjeta' konvenuta l-fabbrika maghrufa *Miral Works,* Triq il-Brunzar, Santa Venera, kif deskritta fl-istess konvenju u dan versu l-prezz u bil-pattijiet hemm indikati;

Peress illi fuq l-istess konvenju s-socjeta' konvenuta hallset depozitu ta' hamsin elf lira (Lm50,000) lill-atturi, 'akkont tal-prezz li jintilfu mill-kompratur nomine jekk ma jaslux ghall-kuntratt definittiv u minghajr ebda raguni valida skond il-ligi'.

Peress illi l-konvenju llum skada ghaliex is-socjeta' konvenuta ma resqitx ghall-kuntratt definittv nonostante l-fatt illi hija giet debitament interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju 2000 (Dok B).

Peress illi l-atturi jsostnu illi s-socjeta' konvenuta ma kelliex raguni valida skond il-ligi sabiex ma tersaqx ghall-kuntratt definittiv u ghalhekk hija tilfet l-imsemmija Lm50,000 filwaqt illi da parti taghha s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi hija kellha ragunijiet validi sabiex ma tersaqx ghall-kuntratt definittiv u qeghda tippretendi illi l-atturi jhallsuha lura l-imsemmi depozitu ta' Lm50,000.

Peress illi gew skambjati diversi ittri bejn il-partijiet, inkluz:-

(a) ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 2000 (Dok C) li permezz taghha, *inter alia*, is-socjeta' konvenuta talbet lill-atturi jirrifondulha l-imsemmi depozitu ta' Lm50,000 oltre l-imghaxijiet skond il-ligi u fin-nuqqas hija kienet 'ser tipprocedi bil-Qorti kontrihom minghajr avviz iehor, inkluz il-hrug tal-mandati kawtelatorji'; u

(b) ittra ufficjali responsiva datata 13 ta' Settembru 2000 (Dok D) fejn l-atturi, *inter alia*, gharfu lis-socjeta' konvenuta 'illi jekk inti tibqa' zzomm ferm il-pozizzjoni kif imfissra fl-ittra ufficjali tieghek tal-5 ta' Settembru 2000 m'ghandekx ghalfejn tohrog l-ebda mandat kawtelatorju ghaliex huma ppreparati jaghtuk garanzija bankarja f'kaz li l-kawza li taghmel ikollha ezitu pozittiv ghalik'.

Peress illi minn dak iz-zmien 'l hawn is-socjeta' konvenuta baqghet siekta sakemm permezz ta' ittra bonarja datata 15 ta' Ottubru 2001 (Dok E) – cioe aktar minn sena wara – hija regghet interpellat lill-atturi jirrifondu d-depozitu ta'

Lm50,000 oltre l-imghaxijiet skond il-ligi u ghal liema ittra l-atturi wiegbu wkoll permezz ta’ ittra bonarja (Dok F).

Peress illi fit-18 t’Ottubru 2001 is-socjeta’ konvenuta ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (2926/01) (Dok G) kontra l-atturi ghas-somma globali ta’ Lm57,666.00,0 permezz ta’ liema mandat gew issekwestrati diversi depoziti ta’ l-atturi f’banek lokali u per kosegwenza gew iffrizati somom ta’ flus appartenenti lill-atturi illi globalment jissuperaw bil-bosta s-somma pretisa mis-socjeta’ konvenuta.

Peress illi fi ftit granet l-atturi ottjenew il-hrug ta’ l-opportun kontro-mandat billi ddepozitaw id-debita garanzija bankarja (Dok H u I).

Peress illi l-agir tas-socjeta’ konvenuta, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, jammonta ghal abbuz gravi u serju mill-uzu tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju liema mandat mhuwiex intiz sabiex jintuza b’mod purament vessatorju u vendikattiv.

Peress illi fic-cirkostanzi l-atturi ghandhom dritt jesigu minghand is-socjeta’ konvenuta l-penali u d-danni kkontemplati fl-artikolu 836 tal-Kap.12 u dan ghaliex fil-kaz *de quo* jissussitu l-kazijiet ikkontemplati fis-sub-artikolu (8) (b) (c) u (d) ta’ l-istess artikolu 836.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta l-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandux minn din il-Qorti:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-kazijiet ikkontemplati mill-artikolu 836(8) (b) (c) u (d) tal-Kap.12 ikopru l-hrug fuq talba tas-socjeta’ konvenuta tal-mandat ta’ sekwestru numru 2926/01 kontra l-atturi u per konsegwenza l-atturi ghandhom dritt jesigu minghand is-socjeta’ konvenuta l-hlas tad-danni u tal-penali mahsuba fl-istess artikolu 836 tal-Kap.12.

2. Jigu likwidati kemm dawn id-danni kif ukoll dawn il-penali a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 u kkontemplati mill-istess artikolu.

3. Tigi s-socjeta' konvenuta kkundannata thallas lill-atturi s-somom hekk likwidati in linea ta' danni u penali.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000, tal-kontro-mandat numru 2594/01 u tac-cedola ta' depozitu tat-22 ta' Ottubru 2001 u Lm20 ghal kunsult kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 36 tal-process fejn eccepew:

1. In linea preliminari, it-talba ghall-hlas tal-penali kellha ssir b'rikors u mhux b'citazzjoni u ghalhekk fi kwalunkwe kaz is-socjeta' konvenuta ma ghandiex tbati spejjez;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju:

a) In kwantu it-talbiet attrici ghall-kundanna tal-penali huma bazati fuq l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12, dan l-Artikolu huwa inapplikabbli ghax l-atturi ma ghamlu ebda talba ghat-tnehhija tal-Mandat *de quo.* Minghajr pregudizzju, is-socjeta' konvenuta ripetutament talbet lill-atturi biex jirrifondu l-ammont in kwistjoni, inkluz zewg ittri ufficjali tal-20 ta' Lulju 2000 u tal-5 ta' Settembru 2000, izda dawn baqghu inadempjenti;

b) In kwantu t-talbiet attrici huma bazati fuq l-Artikolu 836(8)C tal-Kap. 12, ma jirrikorrux ir-rekwiziti hemm indikati;

c) In kwantu t-talbiet attrici huma bazati fuq l-Artikolu 836(8) (d), il-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta la hija malizjuza, la frivola u lanqas vessatorja.

3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici ghall-kundanna u hlas ta' danni huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezbiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbali a fol. 417 u nota a fol. 426 fil-kawza fl-ismijiet inversi bejn l-istess partijiet Citaz 1662/01 deciza llum fejn sar qbil li l-provi f'dika l-kawza kellhom japplikaw ghal dina l-kawza wkoll;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat id-decizjoni fil-kawza 1662/01 deciza llum.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jitolbu l-hlas tad-danni u tal-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) (b) (c) u (d) tal-Kap. 12. in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru mill-konvenuti numru 2926/01 kontra l-atturi.

In linea preliminari l-konvenuti qed jeccepixxu li t-talba ghall-hlas tal-penali kellha ssir b'rikors u mhux b'citazzjoni u ghalhekk fi kwalunkwe kaz is-socjeta' konvenuta ma ghandiex tbati spejjez.

L-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom f'dina l-kawza fuq l-artikolu 836(8) tal-Kap 12. Dan is-subartikolu jitkellem dwar "rikorrent" li jista jaghmel talba ghal "penali" ghalhekk it-talba f'dak il-kaz kellha ssir bir-rikors. Kien fis-subartiolu 9 ta' l-istess artikolu li jitkellem dwar citazzjoni li tista ssir talba ghal "danni". Izda fil-kaz in ezami l-atturi talbu kemm il-penali kif ukoll id-danni flimkien u ghalhekk

ikkonfezzjonaw iz-zewg talbiet f'citazzjoni, ghax hekk kien konvenjenti ghalihom.

Illi skond il-ligi, l-artikolu 164(2) tal-Kap 12 "*ma hemmx nullita' jekk kawza illi missha tingieb b'rikors minflok tingieb b'citazzjoni*", u tqum biss il-kwistjoni ta' l-ispejjez. Illum dina l-problema ma tezistiex billi il-forma tac-citazzjoni giet abolita u l-procedura trid issir b'rikors. Jekk kien hemm xi rregolarita', illum kollox gie sanat u ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-atturi talbu il-kundanna ghal-penali a bazi ta' l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12. Dan is-subartikolu jghid hekk:

*Jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed:*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;*

Illi mill-atti akkwiziti jirrizulta li l-atturi ma werewx li huma talbu lill konvenuti biex inehhu l-mandat qabel ma ressqu il-kawza kif irid l-artikolu 836(8)(b). Huma semplicement ipprezentaw garanzia bankarja wara li nhareg il-mandat u talbu l-hrug ta' kontromandat. Il-konvenuti qabel ipprocedew bil-mandat kienu talbu lill-atturi biex jirritornaw id-depozitu izda l-atturi deherilhom li ma kellhomx jaghmlu hekk.

Ghalhekk l-artikolu 836(8)(b) mhux applikabbli ghal kaz in ezami.

It-talba ta' l-atturi hija bazata ukoll fuq l-artikolu 836(8)(d) li huwa l-kaz fejn it-talba tar-rikorrent "*tkun wahda li ssir b'malizzja tkun frivola jew vessatorja".*

Fil-kawza Citaz: 1662/01 fuq imsemmija bejn l-istess partijiet li giet deciza llum, gie dikjarat li s-socjeta' U.C.I.M kellha raguni valida fil-ligi biex ma tersaqx ghall-att definittiv ta' l-akkwist tal-fabbrika f'Santa Venera u ghalhekk hija ntitolata ghar-rifuzjoni tad-depozitu ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) minnha mhallas.

Illi f'dina l-kawza l-atturi qed jallegaw li l-agir tas-socjeta' konvenuta meta harget il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra taghhom ghas-somma ta' Lm50,000 kien jammonta ghal abbuz gravi u serju mill-uzu tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju liema mandat mhuwiex intiz sabiex jintuza b'mod purament vessatorju u vendikattiv.

Illi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma hargitx il-mandat biex tivvessa lill atturi u kellha raguni valida ghaliex ma tersaqx ghal att finali ta' trasferiment. Is-socjeta' konvenuta kienet gustifikata li tiehu dawk il-mizuri kollha inkluz il-hrug ta' mandat kawtelatorju biex tissalvagwardja l-pretensjoni taghha ghas-somma ta' Lm50,000 li hija kienet iddepozitat ma' l-atturi.

Il-hrug tal-mandat ta' sekwestru fic-cirkostanzi ma kienx frivolu jew vessatorju skond is-subartikolu 836(8)(d).

L-atturi jissottomettu wkoll li ma kienx mehtieg li jinhareg il-mandat ta' sekwestru ghax ma kienx hemm dubbju dwar il qaghda finanzjarja taghhom. Is-subartikolu (c) ta' l-artikolu 836(8) jipprovvdi li:

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

Il-Qorti tirrileva li, fil-kaz in ezami, l-atturi ma gabu ebda prova dwar il-qaghda finanzjarja taghhom. Jirrizulta li l-konvenuti kienu ghaddew Lm50,000 lill-atturi bhala depozitu, u billi l-atturi kienu qed jirrifjutaw li jirrifonduhom meta gew mitluba jaghmlu hekk, il-konvenuti riedu jikkawtelaw il-posizzjoni taghhom, stante li l-atturi stess

kienu marbutin fuq konvenju iehor fuq l-istess art u l-atturi kienu se johorgu l-flus ukoll. F'dawk ic-cirkostanzi l-likwidita' ta' l-atturi ma kienitx xi haga maghrufa sew.

L-atturi jissottomettu wkoll li ma kienx mehtieg li jinhareg il-mandat ta' sekwestru billi huma kien offrew lill konvenuti li jaghmlulhom garanzija bankarja izda dawn ma ghamlu xejn u ma talbuhomx biex jipprovvdu dina l-garanzija.

Illi jirrizulta, mid-dokumenti ezibiti li l-atturi effettivament taw biss il-garanzija bankarja wara li nhareg il-mandat ta' sekwestru. Ma kienx mistenni mill-konvenuti li, apparti li jinterpellawhom biex jirrifondu l-flus u javzawhom li setghu johorgu mandati kawtelatorji, joqghodu jigru wara l-atturi biex jaghmlulhom garanzija bankarja. Bil-maqlub kien fl-interess ta' l-atturi li meta gew infurmati b'dan huma javvicinaw lill-konvenuti u jaraw kif jaghmlu biex tinstab soluzzjoni f'dan ir-rigward.

Finalment kwantu ghat-talba ta' l-atturi ghal danni a tenur ta' l-artikolu 836(9) l-atturi ma ghamlu ebda tentattiv biex jindikaw x'danni huma qed jippretendu in vista tal-hrug ta' l-istess mandat. Il-Qorti tirrileva pero' li appena nhareg il-mandat, l-ghada l-atturi gabu garanzija bankarja u pprezentaw kontromandat bil-garanzija xi jumejn wara. X'tip ta' danni setgha garbu f'dan iz-zmien hekk qasir ma gie bl-ebda mod indikat, apparti l-fatt li kif gja gie deciz il-konvenuti kienu gustifikati li johorgu dan il-mandat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet ta' l-atturi
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------